Minuti tal-Laqgħa Nru. 24 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar il-Ħamis 16 ta' Marzu 2017 fil-5.00 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sinjura Elaine Camilleri Schembri<br>Is-Sinjura Lucia Massa<br>Is-Sra. Denise Cutajar<br>Is-Sur Eric Camilleri |
| Skużat | Is-Sur Kearon Bruno |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Ġemellaġ-Giardini di Naxos
5. Miżura 4.3
6. Monument tal-Gwerra
7. Performance Bonus tal-Impjegati
8. Affarijiet oħra
9. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet
10. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Ma kienx hemm korezzjonijiet. Il-minuti kienu ipproponuti mill-Kunsilliera Lucia Massa u ssekondati mis-Sindku.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq il-barriers li kellhom jinxtraw għall fejn l-iskola biex jintużaw waqt il-ħin tal-ħruġ u d-dħul tat-tfal mill-Iskola. Is-Segretarju semma li huwa kien kellem lill-kuntrattur li jġib it-tabelli u dan kien ġej għada u fl-istess ħin ikellmu fuqhom.

2.2 Il-Kunsillier Camilleri semma li hawnhekk huwa kien ipparkjat quddiem Pacman u kien għaddej sewwieq li laqatlu l-mera. Il-Kunsillier Caruana semma li quddiem Pacman kien hemm xi ħadd li tefa ż-żejt fil-ħamrija.

2.3 Il-Kunsillier Caruana semma li rridu nagħmlu xi linji sofor quddiem ta' Vena li toqgħod fi Triq il-Karmnu. Is-Sindku qal li se jkun qed jara x' jista jagħmel.

2.4 Il-Kunsillier Caruana semma li kien hemm bżonn li l-ħaddiema tal-Kunsill inaddfu l-vann sewwa u naraw biex dan jinbidel. Is-Segretarju semma li huwa kien diġa ipprepara d-dokumenti minħabba t-tender tiegħu. Is-Sindku qal lill-Kunsillier Caruana biex jara l-ispecifications li hemm fit-tender jekk dawn ilaħqux mad-domanda tal-Kunsill.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku semma li kienet waslet stedina mingħand San Vinċenż biex nattendu għall purċċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira li ssir gewwa id-Dar Residenzjali stess.

3.2 Is-Sindku semma li kien hemm email minn naħa tal-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq biex nattendu għall laqgħa fejn ituna linja gwida għall meta jkollna bżonn nagħtu isem lil xi Triq.

3.3 Is-Sindku semma li kellna email b' applikazzjoni biex jekk hemm intrapriżi li spikkaw nkunu nistgħu ninominawhom għall premju favur l-Intrapriżi.

3.4 Is-Sindku semma li kellna invit biex nattendu għall inawgurazzjoni tal-katalgu tat-Teatri. Huwa qal lill-Kunsilliera sabiex jattendu għall din l-okkażżjoni.

3.5 Is-Sindku semma li kien hemm Ċirkulari biex dawk il-Kunsilli li jixtiequ jorganiżżaw l-korsijiet tal-Lifelong Learning. Huwa qal li bħala deadline kienet fil-qrib biex jekk hemm xi proposta infittxu inressquha.

3.6 Is-Sindku semma wkoll li kien se jsir kors organiżżat minn naħa tal-MFSS ġewwa l-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa, Għaqal id-Dar, Ħajja Aħjar. Huwa qal li dan il-kors jirrigwarda diversi aspetti li nistgħu nibbenefikkaw minhom ġewwa d-dar.

3.7 Is-Sindku semma li kienet se ssir press conference is-Sibt li ġej fuq żvillup li kien se jsir wara l-Iskola fl-għalqa magħrufa tat-Taljan. Huwa stieden lill-Kunsilliera biex minn jista jattendi.

3.8 Is-Sindku semma li fil-bidu li kienu daħlu l-applikazzjonijiet fuq dawn il-binjiet konna diġa daħħalna xi oġġezzjonijiet fuq dan l-iżvillup, wara kienet avviċinatna Dr. Steffi Vella Laurenti li hija residenti minn Ħal Luqa u tat aktar dettal kif dan l-iżvillup kien se jaffetwa din iż-żona u qalet li hemm bżonn li jsiru Environmental Impact Assesment. Minn naħa tiegħu s-Sindku qal li huwa reġa għamel it-tieni oġġezzjoni lil Awtorita tal-Ippjanar fuq dak kollu li qalet Dr. Steffi Vella Laurenti.

3.9 Is-Sindku semma li fuq dan il-każ kien deher ukoll artiklu fil-Malta Today fejn huwa kien ikkwotatt indirettament. Meta s-Sindku ra li dan il-każ kien se jkompli jiżvolġi aktar fil-fond talab lill-Perit tal-Kunsill biex jiċċekkja fuq din iż-żona fejn dan infurmah mill-ewwel li din iż-żona fil-pjan lokali kienet deskritta bħala Within Development Scheme u għalhekk xejn ma jista jwaqqafha milli tinbena.

3.10 Is-Sindku semma li l-iżvillupatur kien talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jagħmel laqgħa mas-Sindku. Is-Sindku semma li huwa kien laqa din it-talba u kien talab lill-Perit tal-Kunsill sabiex ikun preżenti. Waqt din il-laqgħa s-Sindku qal lill-iżvillupatur li huwa ma kienx kontra l-iżvillup imma dan kien se joħloq impatt negattiv, speċjalment billi din iż-żona kienet tbati minn flooding u anki nuqqas ta' parking. Minn naħa tal-iżvillupatur huwa qallu li kien se jirtira tlett applikazzjonijiet minn ħamsa li kien issottometta.

3.11 Is-Sindku semma li huwa kien talab lill-iżvillupatur sabiex jieħu miżuri biex jtaffi dawn il-problemi li huwa kien se joħloq b' dan l-iżvillup. Li hemm bżonn li jsir soak away fejn il-Carly's u jsiru xi toroq. Kien hemm ukoll il-bżonn li jsir catchment fi Triq Sir Ugo Mifsud li jagħti għal water culverts fi Triq Sant' Andrija.

3.12 Is-Sindku semma li huwa għamel dawn il-proposti għax iħares lejn l-interessi tal-Kunsill u naraw ukoll x' jistgħu jiggwadanjaw ir-residenti. Huwa semma li l-vantaġġ ta' din is-sitwazzjoni hija li l-iżvillup se jsir kollu minn sid wieħed għax kieku dan kien maqsum bejn numru ta' sidien il-Kunsill ma kien jiggwadanja xejn u l-impatt ikun ferm akbar.

3.13 Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament mal-fehma tas-Sindku u raw li b' hekk il-lokalita setgħet tiggwadanja bħala kumpens għall dak li kienet se titlef minn dan l-iżvillup.

3.14 Il-Kunsillier Camilleri semma li fi Triq Pietru Saliba kien se jsir xi żvillup u kien hemm oġġezzjoni għall mod kif kienu se jsiru l-isplays tal-bankini. Is-Sindku qal li huwa infurmat fuq dan il-każ u diġa kien hemm oġġezzjoni minn naħa tat-Transport Malta.

## 4.0 ĠEMELLAĠ GIARDINI DI NAXOS

4.1 Is-Sindku semma li s-sena l-oħra konna avviċinati minn ċertu Moira Azzopardi fuq proġett ta' ġemellaġ ma Giardini di Naxos fi Sqallija fejn it-tema kienet se tittratta fuq affarijiet kurrenti fl-Unjoni Ewropeja speċjalment immigrazzjoni illegali. Huwa qal li rċevejna konferma li dan il-proġett ġie magħżul u irridu naraw minn huwa interessat li jattendi sa massimu t' 10 persuni. Huwa qal li program kien għad m' hemmx imma dan se joħroġ aktar il-quddiem.

## 5.0 MIŻURA 4.3

5.1 Is-Sindku semma li kienet ħarġet Miżura 4.3 li kienet fuq fondi tal-Unjoni Ewropeja li jistgħu jintużaw biex isiru sqaqien rurali b' resurfacing mill-ġdid. Huwa semma li għall dan il-għan kien kellem lill-Perit tal-Kunsill u ħadu jara Sqaq il-Karmnu Nru 4 biex hawn napplikkaw ħalli dan isir bil-concrete mill-ġdid. Huwa qal li l-applikazzjoni kienet qed tiġi ppreparata.

## 6.0 MONUMENT TAL-GWERRA

6.1 Is-Sindku semma li Twanny Ellul kellu buzzett ta' Monument tal-Gwerra li darba kien se jsir maġenb il-Knisja fi Triq id-9 t' April. Huwa qal li dan il-Monument jista jsir f' Wesgħet Dun Joe Camilleri maġenb l-Monument preċedenti li kien hemm tal-Gwerra billi ssir platform tal-ġebel u jsir hemm.

## 7.0 PERFORMANCE BONUS TAL-IMPJEGATI

7.1 Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex joħroġ barra mill-kamra sabiex jiddiskutu l-performance bonus tiegħu u tal-ħaddiema klerikali. Is-Sindku informa lis-Segretarju li l-Kunsill kien irrisolva li huwa u anki l-ħaddiema klerikali kellhom jingħataw l-massimu tal-performance bonus li huma intitolati għalih.

## 8.0 AFFARIJIET OĦRA

8.1 Il-Viċi Sindku qalet li kien hemm talba biex isiru sessions tal-Yoga ġewwa l-Kunsill Lokali, kif ukoll klassijiet tar-reviżjoni.

8.2 Il-Viċi Sindku saqsiet jekk konniex għamilna talba biex tinġieb skip li fiha jistgħu jitħallew ħwejjeġ u żraben li jkunu riċiklati peress li kien hemm minn saqsa għaliha. Is-Segretarju qal li huwa kien bagħatilhom email imma dawn lanqas biss kienu irrispondew. Huwa qal li se jerġa jibgħatilhom reminder mill-ġdid.

8.3 Il-Viċi Sindku qalet li trid titwaħħal tabella tal-klieb fi Triq Ħal Saflieni.

8.4 Il-Kunsillier Camilleri qal li hemm bżonn issir Stop Sign fi Triq San Tumas k/m Triq Ġorġ

Zahra.

8.5 Il-Kunsillier Caruana qal li kien hemm ħofra quddiem il-Każin tan-Nazzjonalisti li kellha bżonn issir.

8.6 Il-Kunsillier Caruana qal li kien qed ikun hemm karozzi li jipparkjaw fejn is-showroom tal-Balay mingħajr ma jħallu aċċess għall minn ikun għaddej bil-pass. Is-Sindku qal li kien jaf bil-każ u kien se jieħu passi fuqu.

8.7 Il-Kunsillier Camilleri issuġġerrixxa biex il-ħaddiema jduru biż-żebgħa l-bollards li kien hawn madwar Ħal Luqa. Is-Sindku qal li din se jkun qed jieħu ħsiebha.

8.8 Is-Sindku semma li s-Sur. Malcolm Muscat li kien impjegat mal-Kunsill taħt l-iskema CIES kien qed jagħti servizz extra mingħajr ma kien qed jitħallas li kien qed jinkludi li jiftħa il-Kunsill għall korsijiet li jsiru wara l-ħin u anki jixgħel l-istatwa ta' Sant' Andrija. Huwa ssuġġerrixxa li dan is-servizz għandu jkun ikkumpensat. Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament li dan għandu jkun ikkumpensat.

## 9.0 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET

9.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet fuq il-ħlasijiet.

## 10.0 AĠĠORNAMENT

Is-Sindku informa li issa kienet se ssir il-laqgħa anwali tal-Kunsill. Il-laqgħa tal-Kunsill ġiet fi tmiemha nhar il-Ħamis 16 ta' Marzu 2017 fis-6.30 pm. Ma kienx hemm data proposta għall laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ________________________2017.

______________________ ______________________

John Schembri — Sindku

Michael Portelli — Segretarju Eżekuttiv